**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 132 / 14RGM

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-25 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti A u C, konjugi D, izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) u minn dan iz-zwieg huma ghandhom tlett itfal li jisimhom Sean, Sara u Naomi li ghandhom rispettivament wiehed u ghoxrin sena (21), sittax-il sena (16) u tnax-il sena (12);

Illi billi l-hajja ta' bejniet il-konjugi D ma baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet gravi u ragunijiet ohra illi kienu sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment ta' separazzjoni, huma sseparaw de facto fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), liema separazzjoni hija regolata permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni Personali, insinwat I.352/07, fit-8 ta' Jannar 2007, fl-Atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono;

Illi jigi relevat li fl-istess kuntratt, hawn fuq citat, klawsola numru 5, gie stabbilit illi l-intimat, C D, obbliga ruhu li jivversa s-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltija (LM141) ekwivalenti ghal tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u

hamsa u erbghin centezmu (€328.45) lill-esponenti, kull xahar bil-quddiem, liema ammont ta' flus huwa rapprezentanti l-manteniment dovut ghat-tlett uliedu. In oltre, dan il-manteniment kellu jigi rivedut kull sentejn (2) skont l-indici u r-rata ta' inflazzjoni mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u ma kellux jinbidel f'kaz illi l-intimat jibdel l-impjieg tieghu u jkun hemm awment fl-introjtu tal-istess intimat;

Illi, in oltre, l-esponenti giet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tlett (3) uliedha, cioe' Sean, Sarah u Naomi, li fi zmien tas-separazzjoni personaIi bejn il-kontendenti kellhom l-eta ta' erbatax (14), disgha (9) u hames (5) rispettivament;

Illi, issa li ghaddew seba' (7) snin mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejn ir-rikorrenti A B u l-intimat C D, l-esponenti tirrileva illi hija qatt ma rceviet ebda pagament ta' manteniment minkejja illi hija dejjem hadet hsieb it-tlett uliedha kif inhu xieraq u dejjem ghamlet l-almu kollu taghha sabiex tassikura li hadd minn uliedha ma jkun jonqsu xejn, kemm fir-rigward ta' bzonnijiet ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja inkluzi spejjez medici u edukattivi.

B'dana stabbilit, ir-rikorrenti A B, filwaqt li qieghda umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tirkupra l-manteniment dovut lilha sa mid-data tas-separazzjoni personali taghha minn ma' l-intimat, C B, cioe s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmenin centezimu (€27,589.80), rapprezentanti tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezimu (€328.45) kull xahar ghal seba' (7), kif ukoll l-ammont ta' erbghatax il-elf Ewro (€14,000.00) rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe' elfejn Ewro (€2,000.00) kull sena ghal seba' (7) snin.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak hawn fuq premess, jghid ghaliex l-intimat m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimat C D huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti A B ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmenin centezimu (€27,589.80), rapprezentanti tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezimu (€328.45) kull xahar ghal seba' (7) snin konsekuttivi, kif ukoll l-ammont ta' erbghatax il-elf Ewro (€14,000.00) rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe elfejn Ewro (€2,000.00) kull sena ghal seba' (7) snin;

2. Tillikwida, tivverifika u ticcertifika illi tali ammont globali dovut rapprezentanti manteniment u spejjez edukattivi huwa wiehed cert u dovut, u fin-nuqqas tasal ghall-ahjar komputazzjoni taghha fl-interess ukoll tal-minorenni u 1-hlas tal-istess manteniment u spejjez edukattivi fuq l-istess perkors taz-zmien li 1-intimat C D naqas li jonora; jigi rivedut kull sentejn (2) skont l-indici u r-rata ta'

inflazzjoni mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u ma kellux jinbidel f'kaz illi l-intimat jibdel l-impjieg tieghu u jkun hemm awment fl-introjtu tal-istess intimat;

3. Tordna lill-intimat, C D, jersaq ghall-hlas tas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€27,589.80), rapprezentanti tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezimu (€328.45) kull xahar ghal seba' (7) snin konsekuttivi, kif ukoll l-ammont ta' erbatax il-elf Ewro (€14,000.00) rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe elfejn Ewro (€2,000.00) kull sena ghal seba' (7) snin, u dan fi zmien qasir u perentorju li din il-Wisq Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta' Frar 2016 (fol 54) li permezz taghha eccepixxa ili:

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ir-rikors guramentat odjern huwa null in kwantu gie ntavolat minghajr ma l-ewwel giet osservata l-procedura tassattiva mposta mill-Art. 9 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, l-attrici hija prekluza milli tressaq it-talbiet odjerni in kwantu dawn jikkoncernaw lil iben il-partijiet Sean D li fid-data tal-prezentata tar-rikors mahluf odjern kien diga` lahaq il-maggor eta`. Tassew, l-attrici ma ghandhiex il-kompetenza li f'dawn il-proceduri tidher ghal binha Sean D.

3. Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici huma milquta bi preskrizzjoni fit-termini tal-Art 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fir-raba' lok, fil-mertu, l-attrici jehtigilha tissostanzja r-reklam taghha in kwantu dan jikkoncerna l-manteniment minnha pretiz. Partikolarment l-attrici jehtigilha tressaq prova 'illi ma ppercepietx tali manteniment u 'li ma avverawx ruhhom il-kundizzjonijiet pattwiti mill-kontendenti fil-klawsola numru 5 tal-att pubbliku tal-4 ta' Jannar 2007.'

5. Fil-hames lok, fil-mertu, it-talbiet attrici fir-rispett tal-ispejjez reklamati huma nfondati, dan anke 'l ghaliex l-attrici naqset li tottempra ruhha mal-klawsola numru 6 tal-att pubbliku tal-4 ta' Jannar 2007 biex b'hekk issa qeghdha tipproponi likwidazzjoni li anke mad-daqqa t'ghajn tidher ghal kollox arbitrarja.

6. Fis-sitt lok, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Salv occorrendo eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attrici ipprezentat permezz ta' nota datata 12 ta' Settembru 2014, a fol 11 tal-process.

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici pprezentat permezz ta' nota datata 23 ta' Ottubru 2015 a fol 36 tal-process.

Rat il-kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ipprezentat mill-attrici fis-26 ta' Jannar 2016 a fol 48 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tieghu ipprezentata fit-12 ta' Mejju 2016.

Rat illi in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici prezentata fis-26 ta' Settembru 2016.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut.

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari**

L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut tipprovdi:

*'Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ir-rikors guramentat odjern huwa null in kwantu gie ntavolat minghajr ma l-ewwel giet osservata l-procedura tassattiva mposta mill-Art. 9 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jissottometti illi r-rikors guramentat huwa null in kwantu gie intavolat minghajr ma l-ewwel giet osservata l-procedura tassativa mposta mill-Artiklu 9 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikompli jissottometti illi mill-atti processwali huwa inekwivoku illi tali procedura ma gietx segwita, daqs kemm huwa inekwivoku n-nuqqas ta' qbil imqar minn harsa hafifa lejn l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut.

Jiccita l-kawza fl-ismijiet *AB f'isimha propju u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha X vs 1. CD u 2. Direttur tar-Registru Pubbliku*, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju 2010, fejn inghad illi l-medjazzjoni hija tassattiva bejn il-partijiet dwar kwistjonijiet ta' manteniment.

**Ikkunsidrat:**

Illi Regolament 9 (1) tal-Ligi Sussidjarja 12.20 (Avviz Legali 397 tal-2003 kif sussegwentement emendat) jipprovdi hekk:

*9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*

*(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a), dik il-parti <u>ghandha</u>, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skont ma hemm f'dik id-diposizzjoni.*[sottolinear tal-Qorti]

Is-subartiklu (2) jipprovdi hekk:

*(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3).*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut C D jissottometti illi una volta l-kawza titratta "nuqqas ta' qbil bejn partijiet ……dwar ………. manteniment …..ta' wliedhom" huma applikabbli r-Regolamenti 9 u 10 tal-Ligi Sussidjarja 12.20 bil-konsegwenza li l-attrici ma setghatx tipprocedi bil-kawza odjerna qabel ma preventivament tistitwixxi l-procedura idonea li twassal ghall-medjazzjoni tal-familja. Il-konvenut jaghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Gunju 2012 (Citaz nru 129/2010AL) fl-ismijijiet "**AB f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanta ta' bintha X u Direttur tar-Registru Pubbliku**" fejn f'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita' u manteniment ghall-minuri gie deciz illi wara li l-Qorti tiddeciedi t-talba ta' filjazzjoni huwa tassativament rikjest mil-ligi li qabel ma l-Qorti titratta talba ghall-manteniment il-partijiet jghaddu mill-process ta' medjazzjoni.

L-istess gie ritenut fis-sentenza *in parte* moghtija fis-7 ta' Dicembru 2010 fil-kawza **AB vs BC** (Citaz nru 501/2007NC):-

"In propozitu l-Qorti tosserva li r-regolament [9] ta' l-imsemmi Avviz Legali jirrendi applikabbli l-proceduri ta' medjazzjoni wkoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali. Inkluz fost dawn il-kazijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kura u kustodja, access u manteniment, kif ukoll

“[c] bidliet f’ kull haga regolata minn sentenza ta’ firda personali jew minn kuntratt ta’ firda personali.”[Reg.9[1][c]], u fl-istess sub-inciz ikompli jghid li l-parti ghandha “tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’ inhi t-talba taghha..”

Din il-Qorti kif  presjeduta wkoll kellha l-okkazzjoni li tippronunzja ruhha dwar meta huwa mehtieg tassattivament il-process ta’ medjazzjoni qabel mal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tkun tista’ titratta kawza li l-mertu taghha jaqa’ taht wahda mill-kazijiet kontemplati fir-Regolament numru 9 tal-Ligi Sussidjarja 12.20.

Fil-kawza “**Louis Arpa vs Mary sive Mariella Arpa**” deciza minn din il-Qorti fil-11 ta’ Lulju 2013 gie osservat dan li gej:-

“Illi r-*ratio legis* ta’ din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe’ li meta tinqala’ kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra.  Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b’ mod generali bhala wahda ta’ firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, f’ dan il-kaz l-access favur il-missier, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.

Ghaldaqstant l-argument formanti l-bazi ta’ l-ewwel eccezzjoni huwa legalment validu fis-sens li l-medjazzjoni li saret u l-awtorizzazzjoni li nghatat, saru u nghataw biss limitatament ghall-kwisjoni ta’ l-access, u ghalhekk ma jkoprux il-problemi formanti parti mit-talbiet ta’ l-attur, bil-konsegwenza li fuq dawn il-problemi ma saritx medjazzjoni, u ghalhekk l-attur meta pprezenta l-kawza odjerna agixxa barra t-termini legali mfassla fl-imsemmi Avviz Legali.”

Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni moghtija lir-Regolament numru 9 fis-sentenza appena citata (cioe’ citaz nru 501/2007NC).   Una volta in-nuqqas ta’ referenza fl-ittra ghall-medjazzjoni ghal xi aspett principali tal-vertenza huwa ta’ ostakolu sabiex kawza tipprocedi fuq dak l-aspett partikolari;  *multo magis* jekk addirittura l-ebda ittra ghall-medjazzjoni ma tkun giet ipprezentata qabel tigi ntavolata l-kawza.

Fil-kawza citata il-Qorti, filwaqt li d-dikjarat li li l-medjazzjoni f’cirkostanzi simili kienet mandatorja, irreferiet lill-partijiet ghall-medjazzjoni u issoprasjediet

sakemm il-medjazzjoni tigi konkluza. Din il-Qorti tikkondividi d-direzzjoni li kienet tat il-Qorti fil-kawza citata u ser tadottaha fil-kawza odjerna.”

Il-Qorti kienet iddeciediet hekk:

“Stabbilit illi l-process ta’ medjazzjoni huwa mandatorju qabel jigi trattat il-mertu tal-kawza odjerna, din il-Qorti ser issegwi id-decizzjoni fuq citata moghtija fis-7 ta’ Dicembru 2010 minn din il-Qorti diversament preseduta billi tiddikjara li l-attur kien jehtieglu jitlob il-ftuh tal-proceduri ta’ medjazzjoni qabel jintavola l-kawza odjerna;

Ghaldaqstant tissospendi l-proceduri odjerni; tordna lill-attur sabiex fi zmien ghaxart ijiem millum jistitwixxi l-proceduri ta’ medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici,

Tordna l-prosegwiment tal-kawza wara li l-proceduri ta’ medjazzjoni jkunu intemmu………..”

Ikkunsidrat;

Fin-nota’ ta’ sottomissjonijiet taghha l-attrici tissottometti illi ir-Regolament numru 9 tal-Ligi Sussidjarja 12.20 “anqas biss ghandu x’jaqsam jew addirittura jmiss, mal-azzjoni odjerna ntavolata minn l-esponenti A B”. Tkompli tissottometti illi “Tassew, ma jistax jinghad illi hemm xi diskussjonijiet jew nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet in rigward il-manteniment dovut rispettiv, u wisq aktar, m’hemm l-ebda dubju illi A B m’hijiex tfittex illi f’din il-procedura jerga’ jsir xi ftehim gdid in rigward il-manteniment dovut, imma qieghda titlob illi l-kuntratt li l-intimat, diga ikkuntratta volontarjament u kunsenswalment ghas-sitwazzjoni ta’ separazzjoni ta’ bejnu u bejn l-attrici, jigi onorat billi jigi infurzat”.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni illi kwistjonijiet bejn konjugi dwar manteniment pattwit f’kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ma jaqghux taht Regolament numru 9 tal-Ligi Sussisdjarja 12.20 u li allura ma jehtiegux li qabel tigi adita l-Qorti b’kawza jigu istitwiti l-appoziti proceduri ghall-medjazzjoni tal-familja. Regolament numru 9 jipprovdi kjarament illi meta xi parti tkun trid tipprocedi l-Qorti dwar nuqqas ta’ qbil bejn partijiet dwar inter alia il-manteniment ta’ wliedhom, jehtigilha qabel xejn tistitwixxi l-proceduri tal-medjazzjoni. Din ma hijiex procedura fakultattiva, izda hija wahda obbligatorja u tassattiva.

Jirrizulta mhux kontestat illi l-attrici istitwiet il-kawza odjerna minghajr ma qabel resqet talba ghall-process ta’ medjazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza in parte fl-ismijiet **Jason Camilleri vs Karen Camilleri Spiteri** (304/12RGM) deciza fit-30 ta' Jannar 2014, li fiha din il-Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjoni rilevanti wkoll ghall-kaz odjern:

*"... l-Avukati tal-partijiet ghamlu referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet "Louis Arpa vs Mary Arpa" fejn giet iccitata b'approvazzjoni sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta:*

*"Regolament numru 9 in dizamina jirreferi ghal "bidliet f'kull haga regolata...minn kuntratt ta' firda personali". Fil-fehma tal-Qorti il-manteniment pattwit bejn il-partijiet fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jaqa' fid-definizzjoni ta' materja regolata minn kuntratt ta' separazzjoni ta' firda personali. Il-kelma "ghandha" ma thalli l-ebda lok ghal incertezza. Il-htiega tal-ittra sabiex jigu inizzjati l-proceduri ta' medjazzjoni ma hiex fakoltativa izda mandatorja.*

*Kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza in parte moghtija fis-7 ta' Dicembru 2010 fil-kawza AB vs BC (Citaz nru 501/2007NC):-*

*"In propozitu l-Qorti tosserva li r-regolament [9] ta' l-imsemmi Avviz Legali jirrendi applikabbli l-proceduri ta' medjazzjoni wkoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali. Inkluz fost dawn il-kazijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kura u kustodja, access u manteniment, kif ukoll "[c] bidliet f' kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali."[Reg.9[1][c]], u fl-istess subinciz ikompli jghid li l-parti ghandha "tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x' inhi t-talba taghha.."*

*Illi r-ratio legis ta' din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b' mod generali bhala wahda ta' firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, f' dan il-kaz l-access favur il-missier, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra."*

*Fiz-zewg kawzi citati il-Qorti, filwaqt li ddikjarat li li l-medjazzjoni f'cirkostanzi simili kienet mandatorja, irreferiet lill-partijiet ghall-medjazzjoni u issoprasjediet sakemm il-medjazzjoni tigi konkluza. In sostenn ta' din il-linja ta' hsieb fid-decizjoni odjerna issir referenza ghal dak li kien gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Emmanuel Bonello et vs Edward Percy Larchin" deciza fil-15 ta' Dicembru 1945:*

*"Id-dover tal-gudikant huwa mhux semplicement dak li japplika l-ligi, imma anke dak li jara, minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x'inhija l-probabli intenzjoni tal-legislatur f'dawk ic-cirkostanzi, u li japplika l-ligi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra, biex l-applikazzjoni taghha ma tigiex ingusta."*

*Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta billi tiddikjara illi kien mehtieg li l-kawza odjerna tkun preceduta minn procedura ta' medjazzjoni specifikatament fuq l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju u li minhabba f'hekk qed jitlob it-terminazzjoni tal-manteniment.*

*Ghaldaqstant tissospendi l-proceduri odjerni; tordna lill-attur sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem millum jistitwixxi l-proceduri ta' medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici."*

Bl-istess mod, u bil-konfort ta' rassenja ta' gurisprudenza nostrana a favur li rikorsi guramentati, safejn hu possibbli, ghandhom jigu sanati, din il-Qorti sejra tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi tissospendi l-proceduri odjerni; u tordna lill-attrici sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem millum tistitwixxi l-proceduri ta' medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet taghha rigwardanti l-manteniment ta' uliedha.

F'dan l-istadju, tastjeni milli tippronuncja ruhha dwar l-eccezzjonijiet rimanenti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza wara li l-proceduri ta' medjazzjoni jkunu ntemmu.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**